MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 129/1996/1

George Xuereb .

vs

Frances Xuereb,
Carmen Muscat,
Direttur tal-Licenzji.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta illi:

Illi l-kontendenti kienu xtraw mingħand terzi l-vettura tal-marka Subaru numru tar-reġistrazzjoni 0-9714 ftit tas-snin ilu, ġdida.

Illi minn dak iż-żmien ‘l hawn il-kontendenti qegħdin għaddejjin minn proċeduri għas-separazzjoni personali.

Illi l-attur in kawtela ta' sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti ppreżenta mandat ta' qbid Numru 494/96 fl-ismijiet premessi *George Xuereb vs Frances Xuereg* fuq il-vettura fuq imsemmija Dok A.

Illi meta mar il-marixxal sabiex jesegwixxi l-mandat fuq imsemmi sab li l-vettura hi reġistrata f'isem omm il-konvenuta Carmen Muscat, Dok B.
Illi l-konvenut, Direttur tal-Liċenzji, qabad u rreġistra transfer fuq il-vettura fuq imsemmija a favur il-konvenuta Carmen Muscat mingħajr il-firma jew awtorizazzjoni tal-attur bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti.

Talab lill-konvenuta jew min minnhom jgħidu ghaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li t-transfer li sehh fuq il-vettura 0-9714 bejn il-konvenuti Frances Xuereb u Carmen Muscat huwa null u bla effett.

(2) Tordna r-rexissjoni tal-bejgħ li sar bejn il-konvenuta Frances Xuereb u Carmen Muscat.

(3) Tordna lil konvenut Direttur tal-Liċenzji jagħmel it-transfer tal-vettura 0-9714, għal fuq il-konvenuta Frances Xuereb kif kien qabel.

Bl-ispejjeż u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Frances Xuereb u Carmen Muscat illi permezz tagħha eċċepiet illi;

1. Illi ma hux mogħti lill-attur il-jedd li jipproċedi b'din il-kawża.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-trasferiment tal-vettura sar validament u skond il-liġi.

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess għandu jingħad illi l-prezz sabiex inxtrat il-vettura

msemmija tħallas interament mill-konvenuta Carmen Muscat u għalhekk kemm-il darba jitħassar xi transfer għandu jkun hemm revivixxenza tal-kreditu tal-istess konvenuta Carmen Muscat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa mill-konvenuta Frances Xuereb.

Rat ukoll in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tad-direttur tal-Liċenzji illi permezz tagħha eċċepixxa Illi:

1. Illi l-vettura in kwistjoni sa mindu inxtrat minn għand l-aġent kienet reġistrata f'isem Frances Muscat, u l-esponenti ma kellu ebda ordni mill-Qorti jew talba jew informazzjoni oħra li kienet tindika li l-istess Frances Muscat ma kenitx libera li tiddisponi mill-vettura.

2. Illi di piu', l-funzjoni ta' l-esponent hija limitata għal liċenzjar ta' vetturi biex jinsaqu fit-triq u għalhekk pretensjonijiet dwar proprjeta' ta' vetturi la huma u lanqasw jistgħu jkunu preġudikati bit-trasferimenti tal-liċenzji reġistrati minnu.

3. Illi għalhekk huwa għandu joqgħod f'din il-kawża biss għal skopijiet ta' integrita' tal-ġudizzju f'każ li l-Qorti tordna xi varjazzjoni fir-reġistri tiegħu, u fi kwalunkwe każ huwa m'għandux ibati spejjeż.

4. salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Rat illi l-ftehim raġġunt minn l-attur minn naħa u l-konvenuta Frances Muscat minn naħa l-oħra, illi permezz tiegħu ftehmu li jittransigu din il-kawża bil-mod indikat bl-istess ftehim, li jġib id-data tas-sitta (6) ta' Jannar elfejn u disgħa (2009), ippreżentat bħala dokument X man-nota tal-konvenuta tal-lum stess,.

Il-Qorti għalhekk u in vista ta' dan il-ftehim, tiddeċidi l-kawża bil-mod indikat fl-istess dokument X, u ċioe' illi

1) l-attur jirrinunzja għal kwalunkwe pretensjoni fir-rigward tal-vettura mertu ta' din il-kawża, u għaldaqstant qed jirratifika kwalunkwe trasferiment li sar ta' l-istess vettura a favur ta' Carmen Muscat.

2) Il-konvenuta Frances Muscat tobbliga ruħha li tħallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€ 1200) sa żmien sena mis-sitta ta' Jannar elfejn u disgħa (2009).

3) L-istess konvenuta qed tobbliga ruħha li tħallas l-ispejjeż relattivi għal din il-kawża fi żmien sena mid-data ta' dan il-ftehim mingħajr imgħax, u dana skond it-taxxa uffiċċjali annessa bħala dokument A ma' l-istess ftehim.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------